REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/160

tat-28 ta' Novembru 2014

li jemenda r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 40 u 53(3) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 ([2]) jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li skonthom u skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, l-infiq li jsir wara l-limiti ta' żmien għall-pagamenti huwa kkunsidrat bħala eliġibbli għall-pagamenti tal-Unjoni.

(2) Għal raġunijiet ta' ċertezza u ċarezza legali, huwa neċessarju li mad-dispożizzjoniet diġà stabbiliti fl-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 907/2014 jiżdiedu l-kundizzjonijiet li għandhom japplikaw għall-pagamenti diretti li saru fis-sena finanzjarja 2015 kif stipulat fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 ([3]). Għal dak il-għan, huwa meħtieġ li b'mod partikolari ssir referenza għal-limiti massimi xierqa ffissati għall-Istati Membri fir-rigward tas-sena kalendarja 2014 fir-Regolament (KE) Nru 73/2009, li jiddistingwu bejn dawk l-Istati Membri li japplikaw l-Iskema ta' Pagament Uniku u dawk li japplikaw l-Iskema ta' Pagament Uniku skont l-Erja. Barra minn hekk biex tkun indirizzata s-sitwazzjoni speċifika fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dixxiplina finanzjarja, għandha ssir referenza għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 dwar il-pagamenti fir-rigward tas-sena kalendarja 2013 u għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 dwar il-pagamenti fir-rigward tas-sena kalendarja 2014.

(3) Huwa meħtieġ li jiġi ċċarat il-punt 8 tal-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 907/2014 minħabba li l-kliem fih jista', b'mod involontarju, iwassal lill-Kummissjoni biex tapplika livell ta' korrezzjoni b'rata fissa li jkun aktar baxx mir-riskju għall-baġit tal-Unjoni. Il-paragrafu 8 tal-Artikolu 12 ta' dak ir-Regolament għandu għalhekk jiġi riformulat biex jindika b'mod ċar li, meta l-elementi oġġettivi juru li l-ikbar telf għall-fondi huwa aktar baxx minn dak ta' telf li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' rata fissa aktar baxxa minn dik proposta mill-Kummissjoni, il-Kummissjoni għandha tapplika dik ir-rata fissa aktar baxxa meta tiddeċiedi dwar l-ammonti li għandhom jiġu esklużi mill-finanzjament mill-Unjoni.

(4) Għaldaqstant, ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 907/2014 għandu jkun emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 907/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 5, għandu jiżdied il-paragrafu 3a li ġej:

"3a. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 2, matul is-sena finanzjarja 2015, fil-każ tal-pagamenti diretti elenkati fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009, għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) fejn il-limitu msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 ma jkunx intuża kollu għall-pagamenti li jkunu saru għas-sena kalendarja 2014 sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ottubru 2015 u dak li jifdal mil-limitu jaqbeż it-2 %, dak li jifdal għandu jitnaqqas għal 2 %;

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549.

([2]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU L 255, 28.8.2014, p. 18).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16).

(b) fil-każ tal-Istati Membri li japplikaw l-Iskema ta' Pagament Uniku skont il-Kapitolu 3 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, pagamenti diretti, għajr il-pagamenti previsti fir-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) u fir-Regolament (UE) Nru 229/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**), fir-rigward tas-sena kalendarja 2013 jew qabel, li saru wara l-iskadenza tal-pagament, se jkunu eliġibbli biss għall-finanzjament mill-FAEG jekk l-ammont totali tal-pagamenti diretti li saru fis-sena finanzjarja 2015, fejn applikabbli kkoreġuti għall-ammonti qabel l-aġġustament previst fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 jew fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, ma jaqbiżx il-limitu stipulat fl-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tas-sena kalendarja 2014 u waqt li jitqiesu l-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 136b tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 tas-sena kalendarja 2014 kif stipulat fl-Anness VIIIa ta' dak ir-Regolament;

(c) fil-każ ta' Stati Membri li qed japplikaw l-Iskema ta' Pagament Uniku skont l-Erja kif stipulat fl-Artikolu 122 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, il-pagamenti diretti fir-rigward tas-snin kalendarji 2013 jew qabel, li saru wara d-data ta' skadenza tal-pagament, ser ikunu eliġibbli biss għall-finanzjament mill-FAEG jekk l-ammont totali tal-pagamenti diretti li jsiru fis-sena finanzjarja 2015, fejn hu applikabbli kkoreġuti għall-ammonti ta' qabel l-aġġustament stipulat fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 jew fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, ma għandux jaqbeż it-total ta' limiti massimi individwali stabbiliti għal pagamenti diretti fir-rigward tas-sena kalendarja 2014 għall-Istat Membru kkonċernat;

(d) l-infiq li jaqbeż il-limiti msemmija fil-punti (a), (b) jew (c) għandu jitnaqqas b'100 %.

L-ammonti tar-rimborżi msemmija fl-Artikolu 26(5) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 ma għandhomx jitqiesu biex jiġi vverifikat jekk ġietx imħarsal-kundizzjoni stipulata fil-punt (b) jew (c) tal-ewwel sottoparagrafu ta' dan il-paragrafu.

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 (ĠU L 78, 20.3.2013, p. 23).

(**) Ir-Regolament (UE) Nru 229/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006 (ĠU L 78, 20.3.2013, p. 41)."

(2) Fl-Artikolu 12, il-paragrafu 8 jinbidel b'dan li ġej:

"8. Meta Stat Membru jissottometti ċerti elementi oġġettivi, li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, iżda li juru li l-ikbar telf għall-fondi huwa limitat għal somma li tkun inqas minn dik li toħroġ mill-applikazzjoni tar-rata fissa proposta, il-Kummissjoni għandha tuża r-rata fissal-aktar baxxa biex tiddeċiedi l-ammonti li għandhom jitħallew barra mill-finanzjament tal-Unjoni skont l-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fis-seba' jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER